



C/2025/5114

22.9.2025

DEĊIŻJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

tal-25 ta' Ġunju 2025

li temenda d-Deċiżjoni BERS/2011/1 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

(BERS/2025/7)

(C/2025/5114)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽²⁾,

Filwaqt li:

- (1) Il-Bord Ġenerali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ("il-BERS") talab li l-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Rieżami tal-BERS ("il-Grupp ta' Livell Għoli") jikkontribwixxi għat-tieni rieżami tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 b'parir strateġiku dwar il-futur tal-BERS. F'dan il-kuntest, il-Grupp ta' Livell Għoli ⁽³⁾ rrakkomanda li s-Segretarjat tal-BERS iwettaq skrinjar tal-kompiti assenjati lill-BERS mil-leġislazzjoni tal-Unjoni lil hinn mir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 u jevalwa s-sinifikat ta' dawn il-kompiti minn perspettiva makroprudenzjali bil-ħsieb li jtejjeb l-effiċjenza proċedurali u jnaqqas il-piż operazzjonali.
- (2) Wara din ir-rakkomandazzjoni, il-BERS identifika erba' kategoriji ta' kompiti kif deskritti fl-Anness u, minkejja emendi leġislattivi futuri possibbli, iddeċieda li jemenda l-proċeduri interni biex jalloka r-riżorsi b'mod aktar effiċjenti fit-twettiq tal-kompiti, fejn possibbli.
- (3) B'mod partikolari, jenħteġ li tiġi adottata proċedura simplifikata għall-approvazzjoni mill-Bord Ġenerali tal-BERS għat-twettiq tal-kompiti tal-BERS relatati mal-identifikazzjoni tat-tfassil ottimali tal-politika makroprudenzjali fil-livell tal-Unjoni, billi tikkontribwixxi għat-tfassil ta' regoli makroprudenzjali u mikroprudenzjali mill-awtoritajiet tal-Unjoni u/jew nazzjonali.
- (4) Għalhekk, id-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ⁽⁴⁾ għandha tiġi emendata f'dan is-sens,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emendi

Id-Deċiżjoni BERS/2011/1 hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 5 għandu jiddaħħal il-paragrafu 2b ġdid li ġej:

"2.b. L-aġenda tista' tinkludi taqsima ddedikata għal punti li diġà ġew diskussi fis-sustanza mill-Kumitat Tekniku Konsultattiv jew mis-sottostrutturi tiegħu, li huma ppreżentati lill-Bord Ġenerali għall-approvazzjoni. Tali punti għandhom ikunu soġġetti għal deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub meta mitluba minn membru tal-Bord Ġenerali. Il-punti li għandhom jiġu indirizzati skont dan il-paragrafu għandhom jikkorrispondu għat-twettiq tal-kompiti tal-BERS identifikati fit-Tabella 1 tal-Anness. L-Anness għandu jiġi rivedut u aġġornat mill-inqas kull sentejn.";

⁽¹⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1092/oj>.

⁽²⁾ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1096/oj>.

⁽³⁾ Nibnu fuq għaxar snin ta' suċċess — Rapport mir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-rieżami tal-BERS (Diċembru 2024).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni BERS/2011/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Jannar 2011 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU C 58, 24.2.2011, p. 4).

2. Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:
“3. Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS għandu jħejji l-abbozz tal-minuti tal-proċeduri tal-Bord Ġenerali. Il-minuti għandhom jinkludu wkoll referenza għad-dokumenti ppreżentati lill-Bord Ġenerali, verbal tad-deċiżjonijiet adottati, inkluż kwalunkwe deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 2b u/jew l-konklużjonijiet milħuqa mill-Bord Ġenerali u l-lista ta' dawk li attendew”;
3. L-Anness għal din id-Deċiżjoni huwa miżjud b'ħala anness għad-Deċiżjoni BERS/2011/1.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-25 ta' Ġunju 2025.

*Il-Kap tas-Segretarjat tal-BERS,
F'isem il-Bord Ġenerali tal-BERS
Francesco MAZZAFERRO*

ANNESS

L-Anness li ġej huwa miżjud mad-Deċiżjoni BERS/2011/1:

“ANNESS

IL-KOMPITI TAL-BERS FIL-LEĠIŻLAZZJONI TAL-UNJONI GĦAJR IR-REGOLAMENT TAL-BERS

Tabella 1

Kompiti relatati mal-identifikazzjoni ta' tfassil ta' politika makroprudenzjali ottimali fil-livell tal-Unjoni, billi jikkontribwixxu għat-tfassil ta' regoli makroprudenzjali u mikroprudenzjali mill-awtoritajiet tal-Unjoni u/jew nazzjonali

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza	Proċedura applikabbli
1.	Artikolu 135(1)-(3) tad-Direttiva 2013/36/UE	Rakkomandazzjoni	Regolari	
2.	Artikolu 139(3) tad-Direttiva 2013/36/UE	Rakkomandazzjoni	Regolari	
3.	Artikolu 124(11) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-10 ta' Jannar 2026	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (Sottostruttura kompetenti taħt il-Kumitat Tekniku Konsultattiv (ATC))
4.	Artikolu 124(12) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Rakkomandazzjoni	Regolari	
5.	Artikolu 164(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Rakkomandazzjoni	Regolari	
6.	Artikolu 501c(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Konsultazzjoni	Ta' darba — Sal-31 ta' Diċembru 2026	
7.	Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554 ⁽¹⁾	Konsultazzjoni	Ta' darba — Sas-17 ta' Jannar 2028	
8.	Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2022/2554	Konsultazzjoni	Ta' darba	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (Sottostruttura kompetenti taħt l-ATC)
9.	Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽²⁾	Konsultazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2025	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (ATC)

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj>).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj>).

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza	Proċedura applikabbli
10.	Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Ta' darba — Fi żmien sitt xhur minn meta l-ESMA tirċievi notifika ta' CCP jew tlesti l-proċedura ta' rikonoxximent skont l-Artikolu 25	
11.	Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari	
12.	Artikolu 7a(7) tar-Regolament (KE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (ATC)
13.	Artikolu 7a(8) tar-Regolament (KE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Ġunju 2025	
14.	Artikolu 7a(10) tar-Regolament (KE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Ġunju 2026	
15.	Artikolu 7d(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2025	
16.	Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2025	
17.	Artikolu 10(4a) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari — Mill-inqas kull sentejn/fejn meħtieġ	
18.	Artikolu 12(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2025	
19.	Artikolu 25(2a) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (ATC)
20.	Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (Sottostruttura kompetenti taħt l-ATC)
21.	Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari — jekk is-CCP ikollha l-ħsieb li testendi jew tnaqqas il-firxa tal-attivitajiet u s-servizzi tagħha fl-Unjoni jew mill-inqas kull 5 snin.	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (Sottostruttura kompetenti taħt l-ATC)
22.	Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2025	

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza	Proċedura applikabbli
23.	Artikolu 54(5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2025	
24.	Artikolu 85(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Regolari — Fi żmien 12-il xahar wara l-perjodu ta' adattament	
25.	Artikolu 85(11) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2026	
26.	Artikolu 85(12) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2027	
27.	Artikolu 85(14) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sal-25 ta' Diċembru 2028	
28.	L-Artikolu 144b(4) tad-Direttiva 2009/138/KE ⁽³⁾	Konsultazzjoni	Regolari	
29.	L-Artikolu 144b(8) tad-Direttiva 2009/138/KE	Konsultazzjoni	Ta' darba — qabel il-pubblikazzjoni tal-linji gwida	
30.	L-Artikolu 144c(7) tad-Direttiva 2009/138/KE	Konsultazzjoni	Ta' darba — Sad-29 ta' Jannar 2026	
31.	Artikolu 5(11)(a) tad-Direttiva (UE) 2025/1 ⁽⁴⁾	Kooperazzjoni	Ta' darba — Sad-29 ta' Jannar 2027	Proċedura skont l-Artikolu 5 (2b) (Sottostruttura kompetenti taħt l-ATC)
32.	Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 ⁽⁵⁾	Sorveljanza makroprudenzjali	Regolari	

⁽³⁾ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj>).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2025/1 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 u r-Regolamenti (UE) Nru 1094/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2017/1129 (ĠU L, 2025/1, 8.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/1/oj>).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li jgħid qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2402/oj>).

Tabella 2

Kompiti li jirreferu għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni u l-mitigazzjoni eventwali mill-BERS ta' riskji sistemiċi speċifiċi, biex istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni jistgħu jissiltu minnhom varjetà ta' implikazzjonijiet ta' politika fil-qafas ta' dispożizzjonijiet legali speċifiċi

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza
1.	L-Artikolu 138 tad-Direttiva 2013/36/UE	Rakkomandazzjoni	Ta' darba
2.	Artikolu 164(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Opinjoni u Pubblikazzjoni	Regolari
3.	Artikolu 459 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Rakkomandazzjoni jew Opinjonijiet / Kooperazzjoni	Ta' darba (Rakkomandazzjoni jew Opinjonijiet) u mill-inqas darba fis-sena (Kooperazzjoni)
4.	Artikolu 502 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Kooperazzjoni	Regolari
5.	Artikolu 509(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Konsultazzjoni	Annwalment
6.	Artikolu 25(7) tad-Direttiva 2011/61/UE ⁽⁶⁾	Konsultazzjoni	Regolari
7.	Artikolu 47(7) tad-Direttiva 2011/61/UE	Konsultazzjoni	Regolari
8.	Artikolu 32(4)(c) tar-Regolament (UE) 2022/2554	Parteċipazzjoni tal-BERS fil-Forum ta' Sorveljanza	Regolari
9.	Artikolu 6a(1) U (8) tar-Regolament (KE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari
10.	Artikolu 6b(2) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari — Fi żmien 24 siegħa wara l-wasla tan-notifika tat-talba [Artikolu 6b(2)] / Mingħajr dewmien żejjed wara l-wasla tan-notifika tat-talba [Artikolu 6b(10)]
11.	Artikolu 11(13) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Konsultazzjoni	Regolari

⁽⁶⁾ Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/61/oj>).

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza
12.	Artikolu 24(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Opzjoni ta' parteċipazzjoni fil-laqgħa tal-Kumitat Superviżorju tas-CCP	Regolari
13.	Artikolu 25b(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 (Ara wkoll 25 (2a), 25 (2c) u 25 (5) ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 fit-Tabella 1)	Kooperazzjoni	Regolari
14.	Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) 2015/2365 ⁽⁷⁾	Konsultazzjoni	Regolari (kull sena)
15.	L-Artikolu 138(4) tad-Direttiva 2009/138/KE	Konsultazzjoni	Regolari
16.	Artikolu 28(4) tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 ⁽⁸⁾	Konsultazzjoni	Regolari
17.	Artikolu 31(2) u (4) tar-Regolament (UE) 2017/2402	Monitoraġġ / Pubblikazzjoni ta' rapport / Twissijiet jew Rakkomandazzjonijiet	Regolari / Rapport mill-inqas kull 3 snin
18.	Artikolu 12(2) Regolament (UE) Nru 537/2014 ⁽⁹⁾	Kooperazzjoni / laqgħa	Regolari (mill-inqas darba fis-sena)
19.	Artikolu 14(8) tad-Direttiva 2014/49/UE ⁽¹⁰⁾	Kooperazzjoni	Regolari

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2365/oj>).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/236/oj>).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 537/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/909/KE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 77, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/537/oj>).

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva 2014/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/49/oj>).

Tabella 3

Kompiti fdati lill-BERS biex jiżgura li l-użu tas-setgħat makroprudenzjali nazzjonali jkun debitament ġustifikat f'termini makroprudenzjali, ikun proporzjonat għar-riskji u ma jfixkilx is-suq uniku.

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza
1.	Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE	Opinjoni	Regolari — Fi żmien sitt ġimgħat minn meta tasal in-notifika
2.	Artikolu 133(11) u (12) tad-Direttiva 2013/36/UE	Opinjoni	Regolari — Fi żmien xahar [Artikolu 133(11)] jew sitt ġimgħat [Artikolu 133(12)] minn meta tasal in-notifika
3.	Artikolu 134(5) tad-Direttiva 2013/36/UE	Rakkomandazzjoni	Regolari
4.	Artikolu 124(9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Opinjoni u Pubblikazzjoni	Regolari — Opinjoni fi żmien xahar minn meta tasal in-notifika
5.	Artikolu 458(4) u (9) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Opinjoni	Regolari — Fi żmien xahar minn meta tasal in-notifika u kull sentejn għall-estensjoni
6.	Artikolu 458(8) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Rakkomandazzjoni	Regolari

Tabella 4

Kompiti li jirrikjedu li l-BERS jgħaddi informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet membri tiegħu, bis-Segretarjat tal-BERS jaġixxi bħala ċentru ta' informazzjoni

Tabella 4a

Ċentru għall-iskambju tad-data

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza
1.	Artikolu 25(2) u 50 tad-Direttiva 2011/61/UE	Kooperazzjoni	Regolari
2.	Artikolu 53(1) u (2) tad-Direttiva 2011/61/UE	Komunikazzjoni ta' informazzjoni	Regolari
3.	Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE) 2016/2341 ⁽¹⁾	Komunikazzjoni ta' informazzjoni	Regolari

⁽¹⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitàjiet u s-supervizzjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/2341/oj>).

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza
4.	Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2022/2554	Kollaborazzjoni	Regolari
5.	Artikoli 9 u 81(3) Regolament (UE) Nru 648/2012	Kooperazzjoni	Regolari
6.	Artikolu 23b tar-Regolament (UE) Nru 648/2012	Parteċipazzjoni fil-Mekkaniżmu Konġunt ta' Monitoraġġ	Regolari
7.	Artikolu 43(3) tar-Regolament (UE) 2017/1131 ⁽¹²⁾	Trasmissjoni tal-informazzjoni	Regolari

Tabella 4b

Ċentru għan-notifiki

	Artikolu	Azzjoni tal-BERS	Frekwenza/Skadenza
8.	Artikolu 131(7) tad-Direttiva 2013/36/UE	Notifika ta' trażmissjoni	Regolari — Mingħajr dewmien
9.	Artikolu 131(12) tad-Direttiva 2013/36/UE	Notifika ta' trażmissjoni	Regolari — Mingħajr dewmien
10.	Artikolu 133(9) tad-Direttiva 2013/36/UE	Notifika ta' trażmissjoni	Regolari — Mingħajr dewmien
11.	Artikolu 134(2) tad-Direttiva 2013/36/UE	Notifika ta' trażmissjoni	Regolari — Mingħajr dewmien
12.	Artikolu 458(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Notifika ta' trażmissjoni	Regolari — Mingħajr dewmien
13.	Artikolu 53(1) tad-Direttiva 2011/61/UE	Trażmissjoni ta' informazzjoni	Regolari
14.	Artikolu 136(7) tad-Direttiva 2013/36/UE u Artikoli 124(9) u 164(6) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	Pubblikazzjoni	Regolari".

⁽¹²⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/1131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-fondi tas-suq monetarju (ĠU L 169, 30.6.2017, p. 8, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1131/oj>).